


# Rapport Annwali

2016



**BERS**

Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku

Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja

# Werrej

<b>Kelmtejn qabel</b>	<b>2</b>
<b>Sommarju eżekuttiv</b>	<b>3</b>
<b>Detalji tal-istampa</b>	<b>5</b>



## Kelmtejn qabel



Mario Draghi, President tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku

Dan huwa s-sitt Rapport Annwali tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS), li jkopri l-perjodu bejn l-1 ta' April 2016 u l-31 ta' Marzu 2017. Fil-perjodu analizzat, il-BERS kompla jissorvelja mill-qrib il-vulnerabbiltajiet tas-sistema finanzjarja tal-Unjoni Ewropea (UE) u kkontribwixxa għad-dibattitu tal-politika relatat. Il-BERS ta attenzjoni partikolari lil żewġ żoni ta' riskju tal-akbar importanza. L-ewwel waħda hi relatata mar-riskji li jirriżultaw mill-ambjent fejn ir-rati tal-imgħax baqgħu baxxi. L-analiżi ta' dawn ir-riskji, li saret flimkien mill-BERS u l-BĊE, ġiet ippubblikata f'rapport dwar kwistjonijiet tal-politika makroprudenzjali li jirriżultaw mir-rati baxxi tal-imgħax. Din l-analiżi wasslet ukoll lill-BERS biex jikkunsidra r-riskju ta' dgħufijiet fil-karti tal-bilanċ tal-banek, l-assiguraturi u l-fondi tal-pensjoni bħala wieħed mill-iżjed żewġ riskji prominenti għall-istabbiltà finanzjarja fl-UE, li qies bħala tal-istess importanza bħal dik tar-riskju ta' riprezzar tal-primjums tar-riskju fis-swieq finanzjarji

globali.

It-tieni żona ta' riskju tikkonċerna l-vulnerabbiltajiet relatati mal-proprjetà immobbli residenzjali. Abbażi ta' valutazzjoni progressiva għall-UE kollha, il-BERS ikkonkluda li l-vulnerabbiltajiet huma prevalenti fuq żmien medju fi tmien Stati Membri u f'areġ twissijiet pubbliċi lil dawn l-Istati Membri. Il-BERS f'areġ ukoll rakkomandazzjoni biex jiġu eliminati n-nuqqasijiet tad-dejta ħalli jiġi stabbilit qafas iżjed armonizzat għas-sorveljanza tal-iżviluppi fis-swieq tal-proprjetà immobbli residenzjali u kummerċjali fl-UE.

Fil-perjodu analizzat, il-BERS kompla jespandi l-kapaċità tiegħu biex jissorvelja s-settur mhux bankarju. B'mod partikolari, il-BERS ippubblika l-ewwel edizzjoni ta' Monitor Bankarju Parallel annwali, li jidentifika s-sorsi u jżid il-mekkaniżmi tar-riskji sistemiċi. F'dan ir-rigward, il-BERS ikkontribwixxa biex jiffirma d-dibattitu dwar il-politika makroprudenzjali lil hinn mis-settur bankarju. Pereżempju, stabbilixxa kemm opzjonijiet tal-politika fuq żmien qasir kif ukoll aġenda fuq żmien twil f'dan il-qasam.

Barra minn dan, il-BERS kien involut mill-qrib biex iħeġġeġ id-diskussjoni dwar il-politika makroprudenzjali billi organizza għadd ta' konferenzi u gruppi ta' ħidma. B'mod partikolari, organizza l-ewwel Konferenza Annwali tiegħu f'Settembru, li ffokat fuq il-pożizzjoni tal-politika makroprudenzjali u wħud mill-iżjed suġġetti prominenti fuq l-aġenda tal-leġislaturi makroprudenzjali, bħall-ambjent ta' rati baxxi tal-imgħax, l-implikazzjonijiet tal-obbligu tal-ikklerjar ċentrali biex jirrendi iżjed siguri d-derivati OTC standardizzati, u l-iskarsezza apparenti ta' assi siguri fis-swieq.

Fl-aħħar, nixtieq nringrazzja minn qalbi lil Stefan Ingves, Gvernatur ta' Sveriges Riksbank, għall-appoġġ tiegħu lill-BERS matul l-aħħar sitt snin fil-pożizzjoni tiegħu bħala President tal-Kumitat Tekniku Konsultattiv tal-BERS (KTK). Il-President il-ġdid tal-KTK, Philip R. Lane, Gvernatur tal-Bank Ċentrali tal-Irlanda, se jassumi r-rwol minn Awwissu 2017.

Frankfurt am Main, Lulju 2017

Mario Draghi  
President tal-BERS



## Sommarju eżekuttiv

Il-perjodu analizzat kien ikkaratterizzat minn ambjent ta' tkabbir ekonomiku dgħajjed u rati baxxi tal-imgħax, għalkemm il-prospettiva ekonomika, Ewropea u globali, tgiebet lejn tmiem il-perjodu analizzat. Il-BERS (flimkien mal-BĊE) iddedika riżorsi sinifikanti biex janalizza l-effett ta' dan l-ambjent fuq l-istabbiltà finanzjarja tal-UE u ppubblika rapport dwar il-kwistjonijiet tal-politika makroprudenzjali li jirriżultaw minn rati baxxi tal-imgħax. Barra minn hekk, is-sistema bankarja parallela li qed tikber wasslet biex il-BERS iżid l-isforzi tas-sorveljanza tiegħu u jippubblika l-ewwel Monitor Bankarju Parallel annwali tiegħu, li identifika s-sorsi u żied il-mekkaniżmi tar-riskji sistemiċi.

Il-BERS kompli jidentifika erba' riskji ewlenin għall-istabbiltà finanzjarja fl-UE, jiġifieri 1) ir-riprezzar tal-primjums tar-riskju fis-swieq finanzjarji globali; 2) id-dgħufijiet fil-karti tal-bilanċ tal-banek, l-assiguraturi u l-fondi tal-pensjoni; 3) l-isfidi tas-sostenibbiltà tad-dejn fis-setturi sovrani, korporattivi u individwali; u (4) l-iskossi u l-kontaġġu mis-setturi finanzjarji mhux bankarji għas-sistema finanzjarja ġenerali. Bħalma sar fir-Rapport Annwali tal-BERS preċedenti, bidla f'daqqa u mhux mistennija tal-primjums tar-riskju globali baqgħet titqies bħala riskju partikolarment prominenti għall-istabbiltà finanzjarja. L-ambjent ta' tkabbir dgħajjed u rati baxxi tal-imgħax wasslu biex il-BERS iqis li d-dgħufijiet fil-karti tal-bilanċ tal-banek, l-assiguraturi u l-fondi tal-pensjoni għandhom importanza simili.

Minbarra l-mandat tiegħu biex imexxi s-sorveljanza makroprudenzjali tas-sistema finanzjarja tal-UE, il-BERS għandu mandat biex joħroġ twissijiet meta jiġu identifikati riskji sistemiċi sinifikanti u jkun meħtieġ li jindika dawn ir-riskji. Għalhekk, il-BERS analizza l-vulnerabbiltajiet ta' perjodu medju fl-Istati Membri tal-UE fir-rigward tas-settur tal-proprjetà immobbli residenzjali. Abbażi ta' din il-valutazzjoni, il-BERS ħareġ twissijiet pubbliċi lil tmien pajjiżi (l-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, il-Finlandja, il-Lussemburgu, l-Olanda, l-Isvezja u r-Renju Unit). Dawn kienu l-ewwel twissijiet pubbliċi maħruġa mill-BERS minn mindu twaqqaf. Il-BERS sab ukoll nuqqasijiet sinifikanti fid-dejta disponibbli biex jiġi analizzat is-settur tal-proprjetà immobbli. Għalhekk adotta Rakkomandazzjoni biex jiġu eliminati n-nuqqasijiet tad-dejta ħalli jiġi stabbilit qafas iżjed armonizzat għas-sorveljanza tal-iżviluppi fis-swieq tal-proprjetà immobbli residenzjali u kummerċjali fl-UE.

Ir-riskji ewlenin għall-istabbiltà finanzjarja li ġew identifikati mill-BERS ifformaw il-bażi għad-disinn ta' xenarji negattivi għat-testijiet tal-istress tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE) fl-UE kollha kemm hi. Matul il-perjodu tal-analiżi, il-BERS ipprova xenarji negattivi għat-test tal-istress tal-kontropartijiet ċentrali (CCPs) mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (AETS) u t-test tal-istress tal-fondi tal-pensjoni tax-xogħol mill-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (AEAPX). Dettalji ta' dawn ix-xenarji huma pprovduti f'dan ir-Rapport Annwali. Ix-xenarji li l-BERS ipprova kmieni fl-2016 għat-test tal-istress tas-settur bankarju mill-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE) u għat-test tal-istress tas-settur tal-assigurazzjoni mill-AEAPX ġew deskritti fir-Rapport Annwali tal-BERS tal-2015.

Il-perjodu tal-analiżi mmarka wkoll l-ewwel sena tal-operazzjoni tal-qafas tar-riċiproċità volontarja introdott mill-BERS f'Diċembru 2015. Fl-2016, il-Belġju u l-Estonja kienu l-ewwel pajjiżi li talbu riċiproċità ta' tnejn mill-miżuri tagħhom taft il-qafas il-ġdid. Ir-rakkomandazzjoni sussegwenti tal-BERS lill-Istati Membri kollha li ż-żewġ miżuri kellhom jiġu reċiprokati eventwalment wasslet għal żieda sinifikanti fl-azzjonijiet ta' riċiproċità fl-UE kollha kemm hi.

Il-BERS ikkontribwixxa wkoll għad-dokument ta' konsultazzjoni dwar ir-Reviżjoni tal-Qafas tal-Politika Makroprudenzjali tal-UE. Il-BERS ġibed l-attenzjoni għall-fatt li għandu jibqa' indipendenti, waqt li madankollu jibqa' marbut mill-qrib mal-BĊE. Ippropona li s-sħubija tal-Bord Ġenerali kellha tibqa' wiesgħa u saħaġ li l-għodda makroprudenzjali għandha tkun komprensiva u faċli biex tintuża. Barra minn dan, ippropona xi titjib fid-disinn ta' għodda speċifika maħsuba għad-dimensjonijiet strutturali u ċikliċi tar-



risku sistemiku. Barra minn hekk, il-BERS ippropona li l-istrumenti li jindirizzaw ir-riskji sistemiċi li joriġinaw prinċipalment minn skoperturi għas-setturi tal-proprjetà immobbli residenzjali għandhom ikunu disponibbli għal-leġiżlaturi makroprudenzjali fl-Istati Membri kollha tal-UE. Fl-aħħar nett, il-BERS irrikonoxxa l-ħtieġa li jiġi stabbilit qafas legali għall-politika makroprudenzjali lil hinn mis-settur bankarju.

Barra dan, il-BERS ikkontribwixxa għall-qafas makroprudenzjali għall-attività bankarja. L-ewwel, ipprova l-opinjoni tiegħu lill-ABE dwar l-introduzzjoni tal-proporzjon tal-leverage. Abbażi tal-analiżi preliminari tiegħu, il-BERS ftit jara evidenza li l-proporzjon tal-leverage se jkollu impatt negattiv fuq il-likwidità tas-suq. It-tieni, il-BERS ikkontribwixxa għar-rapport regolari kkoordinat mill-ABE dwar il-karattru ċikliku tar-rekwiżiti tal-kapital. Waqt li rrikonoxxa xi sfidi analitiċi, ir-rapport sab evidenza dgħajfa tal-eżistenza ta' effetti proċikliċi li jirriżultaw mill-pakkett tar-Regolament u d-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti tal-Kapital (CRR/CRD IV). Għalhekk ippropona li għandu jinżamm il-qafas attwali li hu sensitiv għar-riskju fir-rigward tal-kapital regolatorju tal-banek. It-tielet, il-BERS ipprova l-opinjoni tiegħu lill-ABE dwar id-definizzjoni ta' proporzjon nett ta' finanzjament stabbli (NSFR). It-tweġiba identifikat lil NSFR bħala l-aħjar strument disponibbli biex jiġu indirizzati kwistjonijiet strutturali relatati mat-trasformazzjoni tal-likwidità u l-maturità mill-banek. Innota li l-għan aħħari tal-awtoritajiet Ewropej għandu għalhekk ikun l-implimentazzjoni ta' rekwiżit NSFR kredibbli u sod fl-UE.

Barra minn dan, il-BERS ikkontribwixxa għall-iżvilupp ta' qafas ta' politika makroprudenzjali lil hinn mis-settur bankarju. Il-BERS ippubblika studju dwar l-istrateġija f'Lulju 2016, fejn ippreżenta opzjonijiet tal-politika fuq żmien qasir kif ukoll aġenda fuq żmien twil biex jtitaffew ir-riskji għall-istabbiltà finanzjarja relatati mas-settur mhux bankarju. Matul il-perjodu tal-analiżi, il-BERS għamel progress fuq uħud mill-kompiti ewlenin imsemmija fl-istudju dwar l-istrateġija. L-ewwel, il-BERS ħa passi biex joħloq strumenti makroprudenzjali innovattivi ħalli jindirizza l-karattru proċikliku ta' margins inizjali u haircuts, speċjalment fi tranżazzjonijiet ta' finanzjament ta' titoli u derivati. It-tieni, il-BERS ipprova perspettiva makroprudenzjali għas-supervizzjoni prudenzjali ta' kontropartijiet ċentrali (CCPs) u kumpaniji tal-assigurazzjoni, waqt li pprova b'mod partikolari ideat utli għal revizzjonijiet leġiżlattivi li jkunu għaddejjin.

Fl-2016 kien hemm żieda sostanzjali fuq is-sena ta' qabel fl-għadd ta' miżuri li kienu jkopru kwistjonijiet makroprudenzjali. Din kienet l-ewwel sena meta l-Istati Membri kollha stabbilew il-bafer kontroċikliku tal-kapital abbażi trimestrali u għamlu l-valutazzjoni annwali tan-nomina u s-settjar tar-rati tal-bafer għal istituzzjonijiet oħra ta' importanza sistemika. Fil-każ ta' strumenti li mhumiex soġġetti għal valutazzjoni annwali, madwar nofs l-Istati Membri ħadu passi tal-politika makroprudenzjali, b'fokus partikolari fuq strumenti maħsuba għar-riskji relatati mal-proprjetà immobbli residenzjali.

Fil-perjodu analizzat, il-BERS kompli jivvaluta l-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet li għamel fl-imgħoddi. Il-valutazzjoni tal-konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-BERS dwar finanzjament ta' istituzzjonijiet ta' kreditu wriet livell ta' konformità partikolarment għoli min-naħa tad-destinatarij. Il-valutazzjoni tal-konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-BERS dwar l-għanijiet u l-istrumenti intermedji tal-politika makroprudenzjali wriet li l-Istati Membri kollha jsegwu l-għanijiet intermedji rakkomandati mill-BERS u jorbtohom ma' strumenti makroprudenzjali speċifiċi. Il-finalizzazzjoni tal-valutazzjoni tal-konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-BERS dwar fondi tas-suq monetarju tħalliet għal iżjed tard biex titqies il-finalizzazzjoni tar-Regolament tal-UE dwar fondi tas-suq monetarju.

Fl-aħħar nett, il-BERS organizza għadd ta' konferenzi u gruppi ta' ħidma biex iħeġġeġ id-diskussjoni dwar il-politika makroprudenzjali. B'mod partikolari, il-BERS organizza l-ewwel konferenza annwali tiegħu, fejn il-membri tal-penil iddiskutew il-pożizzjoni tal-politika makroprudenzjali u wħud mill-iżjed suġġetti prominenti fuq l-aġenda tal-leġiżlaturi makroprudenzjali, bħall-ambjent ta' rati baxxi tal-imgħax, l-implikazzjonijiet tal-obbligu tal-ikklerjar ċentrali biex jirrendi iżjed siguri d-derivati OTC standardizzati, u l-iskarsezza apparenti ta' assi siguri.



## Dettalji tal-istampa

### © Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku, 2017

Indirizz postali 60640 Frankfurt am Main, il-Ġermanja  
Telefon +49 69 1344 0  
Sit elettroniku [www.esrb.europa.eu](http://www.esrb.europa.eu)

Id-drittijiet kollha miżmumin. Ir-riproduzzjoni għal għanijiet edukattivi u mhux kummerċjali hija permessa sakemm jissema s-sors.

Id-data tal-għeluq għad-dejta inkluża f'dan ir-rapport kienet il-31 ta' Marzu 2017.

Din hi verżjoni qasira tar-Rapport Annwali tal-BERS 2016 li tinkludi kelmejn ta' qabel u s-Sommarju Eżekuttiv. Verżjonijiet sħaħ huma disponibbli bi-Ingliż, il-Ġermaniż u l-Ispanjol.

ISSN 1977-5601 (onlajn)  
ISBN 978-92-95210-23-3 (onlajn)  
DOI 10.2849/31569 (onlajn)  
Nru tal-katalgu tal-UE DT-AB-17-001-MT-N (onlajn)